

Avviż għall-attenzjoni ta' persuna u entità soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849, kif implementata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1016, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509, kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (EU) 2018/1009 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

(2018/C 251/05)

L-informazzjoni li ġeja qed tinġieb għall-attenzjoni ta' Ri Hong-sop u d-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet, il-persuna u l-entità li jidhru fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 (¹), kif implementata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1016 (²), u fl-Anness XIII għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 (³), kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1009 (⁴) dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.

Fid-9 ta' Lulju 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jaġġorna l-informazzjoni relatata mal-persuna u l-entità msemmijin hawn fuq soġġetti għall-miżuri imposti mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1718 (2006).

Il-persuna u l-entità kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deciżjoniċi li jkunu inklużi fil-lista tan-NU jiġu kkunsidrati mill-ġdid. Dik it-talba għandha tintbagħha fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room S-3055 E
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni ara: <https://www.un.org/sc/suborg/en/sanctions/1718>

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-informazzjoni aġġornata relatata mal-persuna u l-entità msemmijin hawn fuq għandha tiġi riflessa wkoll fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 u l-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.

Il-persuna u l-entità kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni li jkunu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq terġa' tigekk kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
DG RELEX.1.C — Horizontal Issues
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuna u l-entità kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġeneralji tal-Unjoni Ewropea, fkonformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

(²) ĠU L 181, 18.7.2018, p. 86.

(³) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

(⁴) ĠU L 181, 18.7.2018, p. 1.